MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 612/2006

**Talba Nru: 612/06PBC**

**Maltacom p.l.c C22334**

**Vs**

**Anthony Aquilina (ID 946648M) u**
**Walter Zammit Cachia (ID 499748M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` hames mija u hames liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm505.51c) solidarjament bejniethom in konnessjoni ma` servizz telefoniku bin-numru 21241297 (AT7282/90 – AC

10055044). Interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti.
Ra r-Risposta tal-konvenut Anthony Aquilina li biha wiegeb illi preliminarjament it-talbiet attrici in kwantu dedotti fil-konfront tieghu huma preskritti a tenur ta` l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u fil-mertu li m'huwiex debitur tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-talba dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Il-konvenut Zammit Cachia ma pprezentax Risposta formali.

Sema` x-xhieda ta` Dr Keith Grech ghas-socjeta` attrici u kif ukoll ta` Anthony Aquilina u ta` Walter Zammit Cachia.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Keith Grech ghas-socjeta` attrici, Dr Chris Cilia ghall-konvenut Aquilina u ta` Dr Philip Magri ghall-konvenut Zammit Cachia.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jidher ampjament ipprovat illi fuq is-servizz telefoniku bin-numru 241297 li kien qieghed installat fil-post 93, St John Street, Valletta hemm kont pendenti ta` ftit inqas mill-ammont mitlub. Lanqas huwa kkontestat illi r-*registered subscriber* fuq dan is-servizz fiz-zmien in kwistjoni huwa l-konvenut Anthony Aquilina. Dan il-kont jirreferi ghall-perjodu bejn l-10 ta` Jannar, 1994 u s-7 ta` Mejju, 1998.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi ghall-habta tal-1993/1994 il-konvenut Aquilina kera l-post in kwistjoni lill-konvenut Zammit Cachia u fil-fatt il-kont in kwistjoni jirrispekkja l-uzu tas-servizz telefoniku meta l-fond kien fil-pussess tal-konvenut Zammit Cachia.

Fis-sena 2004 is-socjeta` Maltacom talbet il-hlas minghand il-konvenut Aquilina izda l-konvenut Aquilina flok hallas, dar fuq il-konvenut Zammit Cachia u nforma lil Zammit Cachia biex ihallas il-kont izda l-konvenut Zammit Cachia mar ghand is-socjeta` attrici u ghamel ftehim bil-miktub li permezz tieghu huwa rrikonoxxa lilu nnifsu bhala debitur versu s-socjeta` attrici fis-somma ta` erba` mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm497) u dan l-ammont kien pagabbli kwantu ghal tletin lira Maltin (Lm30) li kellu jsir mill-ewwel u l-bilanc permezz ta` rati ta` tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar li jibdew minn Awissu 2004. Il-konvenut Zammit Cachia xehed illi huwa hallas biss l-ewwel pagament u ma hallasx il-bilanc izda m'esebixxa l-ebda ricevuta.

A tenur tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi parti mit-talba attrici hija dovuta mill-konvenut Zammit Cachia u cjoe` s-somma ta` erba` mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm497) u dan stante li jirrizulta mill-provi li minkejja l-ftehim, il-konvenut Zammit Cachia ma hallas l-ebda pagament.

Ghar-rigward tal-konvenut Aquilina, jirrizulta illi l-kont in kwistjoni kien dovut fis-7 ta` Mejju, 1998 u tenut kont ir-Rapport guridiku bejn Aquilina u s-socjeta` attrici, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta` hames snin skond l-Artikolu minnu citat. Bejn is-sena 1998 sa meta giet istitwita l-kawza odjerna fil-2006 ghaddew ftit aktar minn tmien snin u konsegwentement iz-zmien ta` hames snin iddekorra. Is-socjeta` attrici argumentat illi meta Walter Zammit Cachia ffirma l-iskrittura privata fl-14 ta` Lulju, 2004 u hemmhekk irrikonoxxa lilu nnifsu bhala ko-debitur, li tali affermazzjoni min-naha ta` Zammit Cachia jkollha effett li l-istess Aquilina jkun qieghed jirrikonoxxi d-debitu tieghu u konsegwentement l-iskrittura tinterrompi l-preskrizzjoni.

It-Tribunal m'huwiex ta` l-istess fehma billi l-iskrittura in kwistjoni m'hijiex iffirmata mill-konvenut Aquilina. Anzi t-Tribunal huwa tal-fehma illi meta s-socjeta` attrici pprovat tindirizza t-talbiet taghha fil-konfront ta' Aquilina, huwa farfar ir-responsabbilta` u ghadda l-kont lill-konvenut

Zammit Cachia u certament dan ma jekwivaliex ghal rikonoxximent ta` debitu.

Illi ghalhekk jidher car illi l-azzjoni kif dedotta fil-konfront tal-konvenut Aquilina tinsab preskritta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Aquilina u ghalhekk jichad it-talba attrici fil-konfront tieghu, jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut Walter Zammit Cachia limitatament ghas-somma ta` erba` mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm497) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Walter Zammit Cachia sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erba` mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm497) bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-konvenut Aquilina huma a karigu tal-konvenut Walter Zammit Cachia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------